



Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali

Brussell, 30 ta' Marzu 2023

CM 2350/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0061(NLE)**

**PECHE
UK
N
PROCED**

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt:	LIFE.Fisheries@consilium.europa.eu
Tel./Fax:	+32 2 281 8174
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond - Awtorizzazzjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub - Adozzjoni tar-Regolament = BIDU TAL-PROĊEDURA BIL-MIKTUB

F'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, il-Presidenza ddeċidiet li tniedi proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, li jistabbilixxi għall-2023 u l-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond, kif jinsab fid-dokument ST 7526/23.

Jekk jogħġbokkom indikaw:

- 1) Jekk taqblux li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, li jistabbilixxi għall-2023 u l-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond, kif jinsab fid-dokument ST 7526/23.

Jekk jogħġobkom wieġbu "IVA" jew "LE".

- 2) Jekk taqblux mal-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif jinsab fid-dokument ST 7526/23

Jekk jogħġobkom wieġbu "IVA", "LE " jew "ASTENSJONI".

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali addizzjonali li mhix inkluża fid-dokument ST 7594/23 għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għall-mistoqsijiet.

It-tweġibiet għandhom jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, malajr kemm jista' jkun, **u mhux aktar tard mill-Ġimgħa 31 ta' Marzu 2023 fis-14:00**. Dawn għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika lil LIFE.fisheries@consilium.europa.eu
